Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-15 ta' Jannar 2024**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Andy Rotin)**

**Versus**

**Josianne Grech**
**(0164385M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Josianne Grech,** detentrici ta' numru tal-identita' 0164385M;

Akkuzata talli nhar it-30 ta' Dicembru 2020, ghal habta ta' 09:15hrs, gewwa l-Agenzija Appogg, Triq San Luqa, Pieta':

1. Naqset li tosserva jew kisret xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqha b'Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni nharget b'sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. datata 29 ta' Ottubru 2019, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta' Christina Drago u Jesmond Drago u l-familja taghhom, ghal perjodu ta' sentejn, u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

2. Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lil Christina Drago u Jesmond Drago, Art. 339(1) (e) Kap.9.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2023, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Rat il-Pre-Sentencing report fir-rigward ta' l-imputata.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill- imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 339(1)(e) u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha u qed tikkundannaha ghal **sena (1)** prigunerijja effettiva.

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hatja **Josianne Grech b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **hames (5) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Christina Drago u Jesmond Drago**. Il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digriet anness lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur ta' l-Agenzija Appogg.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**